**Bil-mod man**

Bil-mod man kif ħtaftni
Qisek kelb irrabbjat,
Għidli: x'se jiswielek
Dan il-marċ ta' għajjat?

Mhux aħjar li jkollok
Naqra kalma w ftehim,
Mel' int tissiponi
Li l-fehma ssir bil-gdim?

Issa x'se tirranġa
La l-kliem ħareġ bħan-nar?
Liema kelma ħelwa
Tista' tnessi li sar?

Hekk iddaħħlet kelma
Fil-vokabularju,
Hi l-kelma "paċenzja"
Ħallieha fl-armarju.

Għax lilha tiġi bżonn
F'ħajtek dejjem sejra,
Qis hekk li s-sabar fik
Iseħħlu jsib xejra.

Issokta wisq iżra'
Is-sewwa kullimkien,
Għax dan li fl-aħħar jgħodd
U jifdi dan iż-żmien.

Għalhekk hu paċenzja
Minix xi superman,
Apprezzani dejjem
Ikkalma, bil-mod man.

Patri Mario Attard OFM Cap
3 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.